# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar il-Erbgha 24 ta' Jannar 2001

Citazzjoni numru 1050/99 AJM

Kawza numru

John sive Ganni Fenech

Vs

Francis Fenech

Il-Qorti,

Hadet konjizzjoni tat-talba maghmula mill-attur fl-udjenza tat-13 ta' Novembru 2000 fis-sens li l-konvenut ghandu jippresenta kopja tal-kontijiet allegatament moghtija minnu lill-attur.

Hadet ukoll konjizzjoni tal-atti tal-kawza.

Ikkunsidrat:-

F'dawn il-proceduri l-attur qed jitlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallsu dak il-bilanc dovut lilu mill-profitti rizultanti mill-kuntratt ta'appalt

ezegwit mill-kontendenti in konnessjoni mal-kostruzzjoni tal-Villa ta' Anglu Xuereb gewwa Targa Gap, il-Mosta.

L-attur ma gjab ebda prova in sostenn ta' l-allegazzjoni tieghu izda qed isostni li huwa fadallu jiehu somma bilancjali u dan a bazi ta' ittra tal-konsulent legali tal-konvenut datata 1 ta' Frar 1990 fejn jinghad espressament hekk: "Ninfurmak li l-unika pendenza li fadal hi l-kejl tax-xoghol li sar fuq inkarigu ta' Anglu Xuereb, u l-hlas tat-Taxxa. Il-kontijiet ta' dan ix-xoghol is-sur Micallef ghandu cirka xahar biex ilestihom; wara nitkellmu."

L-attur isostni li huwa ma thallas xejn wara din l-ittra u konsegwentement fadallu bilanc dovut lilu. Il-konvenut isostni xort' ohra billi jghid li effettivament huwa l-attur li jinsab debitur tal-konvenut kif dettaljatament muri fir-rendikont minnu ppresentat.

Minn dan ir-rendikont jirrizulta ammess li mill-kuntratt tax-xoghol fuq il-villa ta' Anglu Xuereb l-attur kien fadallu jiehu s-somma bilancjali ta' LM906.76. Dan ma jidhirx li hu kkontestat mill-attur li, fin-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu ghall-kontro talba, qed jattakka biss d-debiti allegatament dovuti minnu kif pretiz mill-konvenut u li mhux biss jxejnu l-kreditu tieghu izda jirrenduh debitur tal-konvenut.

L-attur xhed li l-konvenut ma kien tah l-ebda dokument in konnessjoni mal-kuntratt ta' Anglu Xuereb. Il-konvenut isostni l-kuntrarju u kien ghalhekk li fix-xhieda tieghu huwa "oggezzjona" li jerga jipproduci kopji tad-dokumenti li kien qed jintalab mill-attur.

Ikkunsidrat:-

Huwa minnu li l-obbligu tal-prova ta’ fatt imiss dejjem lil min jallegah (art. 562 Kap 12). Kien ghalhekk jispetta lill-attur li jressaq dawk il-provi kollha in sostenn tat-talba tieghu sabiex juri li mhux biss fadallu jiehu minn ghand il-konvenut in konnessjoni mal-kuntratt tal-villa ta’ Anglu Xuereb, izda ukoll jindika l-ammont. Fl-assenza ta’ din il-prova l-konvenut ma kienx jkollu x’jirrispondi. Izda fil-kaz in ezami bil-kontro talba tal-konvenut qed jigi ukoll allegat fatt u cioe l-ammont bilancjali dovut minnu bhala konsegwenza ta’ dan ix-xoghol. Ghalhekk proprjament, sabiex din il-Qorti tkun tista’, fi stadju ulterjuri, tezamina l-fondatezza tat-talbiet fil-kontro talba tal-konvenut u cioe dawk li jikkoncernaw l-partiti ta’ debitu kontra l-attur, jrid bilfors jigi fl-ewwel lok accertat l-ammont li l-istess konvenut qed jiddikjara bhala dovut lill-attur mill-kuntratt fuq imsemmi.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tilqa’ t-talba ta’ l-attur u ghalhekk tordna lill-konvenut jezebixxi l-kontijiet kollha relattivi ghall-kuntratt tax-xoghol tal-Villa ta’ Anglu Xuereb kif ukoll kull prova necessarja riferibilment ghall-pagamenti li saru lill-attur fir-rigward.

Spejjes riservati ghall-gudizzju finali.

Onor Imhallef Albert J. Magri